**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 17 ta' Dicembru 2000.**

**Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**Vs**

**Kevin Brincat maghruf ukoll bhala Kevin Bonavia.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Brincat ta' 25 sena, iben Anthony u Lilly nee' Brincat imwieled Pieta' fid-9 ta' Settembru 1975 u joqghod 10 Fuq Verdala, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 422775 (M);

Talli fit-3 ta' Lulju, 2001 fil-Pieta' ghall-habta tal-11.00am bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' huh Clyde Bonavia, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) lil Clyde Bonavia, liema delitt ma' giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

U talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief salv il-kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Clyde Bonavia billi tah daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina);

U talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fil-waqt tal-offiza fuq il-persuna ta' Clyde Bonavia kellu fuq il-persuna u fil-pussess tieghu arma regolari, skond kif kontemplat fl-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U talli fl-istess data, hin u lok, zamm kif ukoll garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Talli fit-3 ta' Lulju 2001, ghall-habta tas-1.15pm, waqt li kien issuq vettura CAJ 859 f' St. Joseph High Rd, fil-Hamrun bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' hub Clyde Bonavia wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi pprova jtajru bl-imsemmija vettura, liema delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi waqt li kien issuq vettura CAJ 859 ta' ghamla Cortina, matul St. Joseph High Road, Hamrun, saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u negligenti, u talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Clyde Bonavia, Rose Mifsud, Alan Mifsud u Clint Mifsud u kkagunajtilhom offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni taghhom;

U talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi waqt li kien isuq vettura CAJ 859 ta' ghamla Cortina matul St. Joseph High Rd., Hamruna saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku u kkaguna jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq arblu tas-sinjali tat-traffiku ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi saq vettura numru CAJ 859 minghajr ma' kellu licenza tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija

u b'hekk ma' kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-risku tat-terzi persuni;

U aktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi saq l-imsemmija minghajr ma' kienet licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq;

U oltre talli l-istess Kevin Brincat huwa recediv skond sentenzi datati 2 ta' April 2000 u 5 ta' Gunju 2001, liema sentenzi huma definittivi.

Wara illi rat l-Artikoli  26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 214et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi rat id-dokumenti ezebiti u semghet ix-xhieda prodotta, din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi Kevin Brincat k/a Bonavia hati ta' kif akkuzat u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, that is-sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Borg, a tenur tal-Artikolu 5.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.